Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,291, 30 ta' Lulju, 2024
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XXXI tal-2024

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jemenda liġijiet varji dwar il-professjonijiet regolati fil-qasam tal-benesseri soċjali.

ACT No. XXXI of 2024

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend various laws relating to regulated professions in the field of social wellbeing.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MYRIAM SPITERI DEBONO**
President

30 ta' Lulju, 2024

ATT Nru XXXI tal-2024

ATT sabiex jemenda liġijiet varji dwar il-professjonijiet regolati fil-qasam tal-benesseri soċjali.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2024 li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Professjonijiet Regolati fil-Qasam tal-Benesseri Soċjali.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-politika soċjali jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet jew għanijiet differenti ta' dan l-Att.

TAQSIMA I
Emendi għall-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali

Emendi għall-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali. Kap. 468.

2. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ l-"Att prinċipali".

Żieda ta' artikolu ġdid fl-Att prinċipali.

3. Minnufih wara l-artikolu 7 tal-Att prinċipali għandu jiġi miżjud dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Kumitat tal-Appelli.

7A. (1) Għandu jkun hemm Kumitat tal-Appelli għall-professjoni tax-xogħol soċjali li għandu jkun maħtur mill-Ministru u għandu jkun magħmul mill-membri li ġejjin:

(a) avukat li jkun ipprattika l-professjoni tiegħu għal mill-inqas ħames (5) snin; u

(b) żewġ (2) ħaddiema soċjali reġistrati li jkunu pprattikaw il-professjoni tagħhom għal mill-inqas ħames (5) snin.

Iċ-Chairperson għandu jkun maħtur mill-Ministru minn fost dawn it-tliet (3) membri.

(2) Il-membri kollha tal-Kumitat tal-Appelli għandhom jinħatru għal terminu ta' tliet (3) snin u jistgħu jiġu maħtura għal massimu ta' żewġ (2) termini b'kollox.

(3) Il-Kumitat tal-Appelli għandu jkollu l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) meta tiġi sottomessa applikazzjoni għal dan il-għan mill-persuna kkonċernata, li jisma' u jiddeċiedi dwar deċiżjoni tal-Bord li biha l-għoti ta' warrant jiġi miċħud;

(b) meta tiġi sottomessa applikazzjoni għal dan il-għan mill-persuna kkonċernata li tħoss ruħha aggravata minn xi nuqqas tal-Bord, li jiddeċiedi dwar applikazzjoni għal warrant fi żmien erba' (4) xhur minn meta applikazzjoni għal warrant tkun sottomessa lill-Bord; u

(ċ) li jisma' u jiddeċiedi appelli minn kwalunkwe deċiżjoni oħra tal-Bord.

(4) Appell quddiem il-Kumitat tal-Appelli għandu jiġi ppreżentat fi żmien perentorju ta' għoxrin (20) jum minn tali deċiżjoni fil-każ ta' appell skont is-subartikolu (3)(a) u (ċ).

(5) Il-Kumitat tal-Appelli għandu jirregola l-proċedura tiegħu stess.

(6) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu skont dan l-artikolu, il-Kumitat tal-Appelli jista' jaħtar esperti sabiex jirrelataw dwar kwalunkwe kwistjoni quddiemu.

(7) Il-Kumitat tal-Appelli għandu jkollu s-setgħa li jikkonferma, iħassar jew jirrevoka b'kondizzjonijiet jew mingħajrhom, u li jirreferi lura lill-Bord jew li jissostitwixxi kwalunkwe deċiżjoni meta jsir xi appell skont is-subartikolu (3)(a) u (ċ).

(8) Il-Kumitat tal-Appelli għandu jordna lill-Bord li jiddeċiedi dwar tali applikazzjoni f'dak iż-żmien li jista' jqis raġonevoli, u fin-nuqqas ta' dan huwa għandu jipproċedi sabiex jiddeċiedi dwar l-applikazzjoni hu stess, u fi kwalunkwe każ għandu jirreferi d-deċiżjoni tiegħu lura lill-Bord u jħejji rapport dwar is-sejbiet tiegħu lill-Ministru.".

TAQSIMA II
Emendi għall-Att dwar il-Professjoni tal-Psikoloġija

Emendi għall-Att dwar il-Professjoni tal-Psikoloġija. Kap. 471.

4. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Professjoni tal-Psikoloġija u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Professjoni tal-Psikoloġija, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ l-"Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali.

5. Is-subartikolu (3) tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, il-kliem "jew xi kwalifika professjonali oħra li l-Bord jidhirlu li tkun ekwivalenti" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jew xi kwalifika professjonali oħra li l-Bord jista' minn żmien għal żmien jippreskrivi, jew kwalifika paragunabbli li skont il-Bord tissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali u tal-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki fir-rigward tar-rikonoxximent tal-kwalifiki minn università ta' livell stabbilit barra minn Malta"; u

Kap. 451.

(b) fil-paragrafu (d) tiegħu, il-kliem "jew l-ekwivalenti ta' dak iż-żmien fuq bażi part-time" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jew ta' mill-inqas tlett elef, seba' mija u sebgħin (3,770) siegħa, li minnhom elf tmien mija, ħamsa u tmenin (1,885) siegħa għandhom ikunu b'kuntatt dirett,".

Żieda ta' artikolu ġdid fl-Att prinċipali.

6. Minnufih wara l-artikolu 8 tal-Att prinċipali għandu jiġi miżjud dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Kumitat tal-Appelli.

8A. (1) Għandu jkun hemm Kumitat tal-Appelli għall-professjoni tal-psikoloġija li għandu jkun maħtur mill-Ministru u għandu jkun magħmul mill-membri li ġejjin:

(a) avukat li jkun ipprattika l-professjoni tiegħu għal mill-inqas ħames (5) snin; u

(b) żewġ (2) psikologi reġistrati li jkunu pprattikaw il-professjoni tagħhom għal mill-inqas ħames (5) snin.

Iċ-Chairperson għandu jinħatar mill-Ministru minn fost dawn it-tliet (3) membri.

(2) Il-membri kollha tal-Kumitat tal-Appelli għandhom jinħatru għal terminu ta' tliet (3) snin u jistgħu jiġu maħtura għal massimu ta' żewġ (2) termini b'kollox.

(3) Il-Kumitat tal-Appelli għandu jkollu l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) meta tiġi sottomessa applikazzjoni għal dan il-għan mill-persuna kkonċernata, li jisma' u jiddeċiedi dwar deċiżjoni tal-Bord li biha l-għoti ta' warrant jiġi miċħud;

(b) meta tiġi sottomessa applikazzjoni għal dan il-għan mill-persuna kkonċernata li tħoss ruħha aggravata minn xi nuqqas tal-Bord, li jiddeċiedi dwar applikazzjoni għal warrant fi żmien erba' (4) xhur minn meta applikazzjoni għal warrant tkun sottomessa lill-Bord; u

(ċ) li jisma' u jiddeċiedi appelli minn kwalunkwe deċiżjoni oħra tal-Bord.

(4) Appell quddiem il-Kumitat tal-Appelli għandu jiġi ppreżentat fi żmien perentorju ta' għoxrin (20) jum minn tali deċiżjoni fil-każ ta' appell skont is-subartikolu (3)(a) u (ċ).

(5) Il-Kumitat tal-Appelli għandu jirregola l-proċedura tiegħu stess.

(6) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu skont dan l-artikolu, il-Kumitat tal-Appelli jista' jaħtar esperti sabiex jirrelataw dwar kwalunkwe kwistjoni quddiemu.

(7) Il-Kumitat tal-Appelli għandu jkollu s-setgħa li jikkonferma, iħassar jew jirrevoka b'kondizzjonijiet jew mingħajrhom, u li jirreferi lura lill-Bord jew li jissostitwixxi kwalunkwe deċiżjoni meta jsir xi appell skont is-subartikolu (3)(a) u (ċ).

(8) Il-Kumitat tal-Appelli għandu jordna lill-Bord li jiddeċiedi dwar tali applikazzjoni f'dak iż-żmien li jista' jqis raġonevoli, u fin-nuqqas ta' dan huwa għandu jipproċedi sabiex jiddeċiedi dwar l-applikazzjoni hu stess, u fi kwalunkwe każ għandu jirreferi d-deċiżjoni tiegħu lura lill-Bord u jħejji rapport dwar is-sejbiet tiegħu lill-Ministru.".

TAQSIMA III
Emendi għall-Att dwar il-Professjoni tal-*Counselling*

Emendi għall-Att dwar il-Professjoni tal-*Counselling*. Kap. 538.

7. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Professjoni tal-*Counselling* u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Professjoni tal-*Counselling*, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ l-"Att prinċipali".

Żieda ta' artikolu ġdid fl-Att prinċipali.

8. Minnufih wara l-artikolu 7 tal-Att prinċipali għandu jiġi miżjud dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Kumitat tal-Appelli.

7A. (1) Għandu jkun hemm Kumitat tal-Appelli għall-professjoni tal-counselling li għandu jkun maħtur mill-Ministru u għandu jkun magħmul mill-membri li ġejjin:

(a) avukat li jkun ipprattika l-professjoni tiegħu għal mill-inqas ħames (5) snin; u

(b) żewġ (2) counsellors reġistrati li jkunu pprattikaw il-professjoni tagħhom għal mill-inqas ħames (5) snin.

Iċ-Chairperson għandu jkun maħtur mill-Ministru minn fost dawn it-tliet (3) membri.

(2) Il-membri kollha tal-Kumitat tal-Appelli għandhom jinħatru għal terminu ta' tliet (3) snin u jistgħu jiġu maħtura għal massimu ta' żewġ (2) termini b'kollox.

(3) Il-Kumitat tal-Appelli għandu jkollu l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) meta tiġi sottomessa applikazzjoni għal dan il-għan mill-persuna kkonċernata, li jisma' u jiddeċiedi dwar deċiżjoni tal-Bord li biha l-għoti ta' warrant jiġi miċħud;

(b) meta tiġi sottomessa applikazzjoni għal dan il-għan mill-persuna kkonċernata li tħoss ruħha aggravata minn xi nuqqas tal-Bord, li jiddeċiedi dwar applikazzjoni għal warrant fi żmien erba' (4) xhur minn meta applikazzjoni għal warrant tkun sottomessa lill-Bord; u

(ċ) li jisma' u jiddeċiedi appelli minn kwalunkwe deċiżjoni oħra tal-Bord.

(4) Appell quddiem il-Kumitat tal-Appelli għandu jiġi ppreżentat fi żmien perentorju ta' għoxrin (20) jum minn tali deċiżjoni fil-każ ta' appell skont is-subartikolu (3)(a) u (ċ).

(5) Il-Kumitat tal-Appelli għandu jirregola l-proċedura tiegħu stess.

(6) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu skont dan l-artikolu, il-Kumitat tal-Appelli jista' jaħtar esperti sabiex jirrelataw dwar kwalunkwe kwistjoni quddiemu.

(7) Il-Kumitat tal-Appelli għandu jkollu s-setgħa li jikkonferma, iħassar jew jirrevoka b'kondizzjonijiet jew mingħajrhom, u li jirreferi lura lill-Bord jew li jissostitwixxi kwalunkwe deċiżjoni meta jsir xi appell skont is-subartikolu (3)(a) u (ċ).

(8) Il-Kumitat tal-Appelli għandu jordna lill-Bord li jiddeċiedi dwar tali applikazzjoni f'dak iż-żmien li jista' jqis raġonevoli, u fin-nuqqas ta' dan huwa għandu jipproċedi sabiex jiddeċiedi dwar l-applikazzjoni hu stess, u fi kwalunkwe każ għandu jirreferi d-deċiżjoni tiegħu lura lill-Bord u jħejji rapport dwar is-sejbiet tiegħu lill-Ministru.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 258 tal-15 ta' Lulju, 2024.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

ELEANOR SCERRI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati